MALTA

# QORTI CIVILI

# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

## ONOR. IMHALLEF

## ABIGAIL LOFARO

Seduta tal-25 ta' Gunju, 2014

Rikors Numru. 333/2012

**AB**

**-vs-**

**CD**

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti li *in forza* tieghu, wara li ppremettiet :

Illi l-partijiet izzewgu fit-3 ta’ Ottubru, 2003, kif jirrizulta mill-anness certifikat taz-zwieg (Dok. A) u ma ghandhom ebda tfal bejniethom;

Illi l-intimat huwa Sirjan u ghandu l-familja kollha tieghu tghix f’dak il-pajjiz u ftit gimghat wara z-zwieg, huwa abbanduna kompletament lill-esponenti minghajr raguni tajba;

Illi mit-tluq definittiv tal-intimat, hija la qatt izjed ratu, la hu ma ghamel kuntatt maghha u hija assolutament ma tafx fejn jinsab;

Illi ghalhekk tul dawn l-ahhar hames snin qabel din il-procedura, il-partijiet ilhom ferm aktar minn erba’ snin ma jghixux flimkien;

Illi ma hemm l-ebda prospett ragjonevoli ghal rikonciljazzjoni bejniethom u ghandhom hajja totlament separata minn xulxin;

Illi filwaqt li mindu izzewgu, l-intimat qatt ma mantna lill-esponenti, hija qeghda tirrinunzja ghal dan id-dritt ta’ manteniment;

Illi billi ma hemmx separazzjoni legali bejniethom, kwantu ghall-komunjoni tal-akkwisti, tiddikjara li sa fejn taf, din ma fiha ebda assi u anqas djun;

Illi il-fatti premessi jissodisfaw il-kundizzjonijiet kollha mehtiega ghall-ksib ta’ divorzju skond l-Artikolu 66B tal-Kodici Civili (Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta);

Illi qabel din il-procedura, hija iddiskutiet mal-avukat patrocinanti taghha Kenneth Cutajar il-possibbilta` ta’ rikonciljazzjoni u nfurma li hemm

persuni kwalifikati biex joffru l-ghajnuna fil-process ta' bejn il-mizzewgin u taf bil-fakulta` ta' separazzjoni personali bhala alternattiva ghad-divorzju.

Talbet illi l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex :

1. Tippronunzja d-divorzju taghha minn mal-intimat Omar Alchab;
2. Tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien imholli ghal daqshekk mill-istess Qorti, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;
3. Tiddikjara, a tenur tal-artikolu 66E tal-Kodici Civili, l-intimat hati li gab it-tifrik taz-zwieg stante l-abbandun minnu tar-rikorrenti ghal izjed minn sentejn, minghajr raguni tajba;
4. Tordna li l-intimat tilef il-jeddijiet kollha taht l-artikolu 48 tal-Kodici Civili;
5. Tordna a tenur tal-artikolu 66D. (3), 66L.(6) u 1332(4) tal-Kodici Civili, li l-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet spiccat.
6. Tordna a tenur tal-artikolu 66D(3), li l-intimat tilef id-dritt li joqghod fid-dar taz-zwieg.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

Rat ir-risposta tal-kuraturi deputati, li in forza taghha eccepew:

1. Illi huma ma humiex edotti mill-fatti tal-kawza pero' jirriservaw illi jipprezentaw risposta guramentata ulterjuri u aktar xhieda meta u jekk jirnexxilhom jottjenu aktar informazzjoni dwar il-kaz odjern.

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tad-29 ta' Jannar, 2013;

Rat illi ir-rikorrenti fethet proceduri ta' medjazzjoni illi inghalqu fit-30 ta' Ottubru 2013;

Rat ir-rikors guramentat tar-rikorrenti fejn iddikjarat bil-gurament illi ma hemm l-ebda assi fil-komunjoni tal-akkwisti u illi kien l-intimat hati li gab it-tifrik taz-zwieg peress illi abbanduna lir-rikorrenti ghal aktar minn sentejn minghajr raguni tajba. Rat ukoll illi ir-rikorrenti iddikjarat bil-gurament taghha illi l-intimat qatt ma mantniha u ghalhekk hija qeghda tirrinunzja ghad-dritt ta' manteniment.

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta' Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom de facto separati sa mis-sena 2003;

Illi ir-rikorrenti ippruvat illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta' rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta' hlas ta' manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa' t-talbiet, tippronunzja id-divorzju bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bil-hall taz-zwieg tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru

Pubbliku. Il-Qorti rat ukoll illi ir-rikorrenti ippruvat it-tielet, ir-raba', il-hames u is-sitt talbiet taghha u ghaldaqstant qeghda tilqahom u tiddikjara il-komunjoni tal-akkwisti bejn il-partijiet bhala xolta, izda ma tistax tassenjaha u taqsamha bejn il-partijiet peress illi jirrizulta illi ma hemm l-ebda assi, jew djun li jappartjeni lil din il-komunjoni tal-akkwisti.

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------